IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 534 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Belġju

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

MT MT

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Belġju

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola, kif inhu stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ikkondividiet mal-Kunsill il-fehma tagħha li, minħabba t-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku mistenni li jirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu l-attivazzjoni tal-klawżola. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fi żmien medju. Għall-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Hija tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw filwaqt li jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iwettqu l-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika meħtieġa fil-qafas tal-Patt.

Id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet Belġjani fil-31 ta' Marzu 2020 u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[1] turi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Belġju laħaq il-1,9 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 98,6 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, il-Belġju qiegħed jippjana defiċit ta' 7,5 % tal-PDG fl-2020, filwaqt li d-dejn huwa ppjanat li jkun ta' 115 % tal-PDG.

Id-defiċit ippjanat għall-2020 jipprovdi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif definit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Barra minn dan, id-*data* għall-2019 timplika li ma sarx progress biżżejjed lejn il-parametru ta' referenza għat-tnaqqis tad-dejn, li jipprovdi wkoll evidenza *prima facie* ta' defiċit eċċessiv kif iddefinit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Quddiem dan l-isfond, il-Kummissjoni ħejjiet għalhekk dan ir-rapport, li janalizza l-konformità tal-Belġju mal-kriterju tad-defiċit u tad-dejn fit-Trattat. Huwa jqis il-fatturi

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10294648/2-22042020-AP-EN.pdf/6c8f0ef4-6221-1094-fef7-a07764b0369f

rilevanti kollha u jqis kif xieraq ix-xokk ekonomiku kbir marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

Tabella 1. Defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)

		2016	2017	2018	2019	2020 COM	2021 COM
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	-2,4	-0,7	-0,8	-1,9	-8,9	-4,2
Kriterju tad-dejn	Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika	104,9	101,7	99,8	98,6	113,8	110,0
	Id-distakk mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn		0,4	0,2	0,7	5,7	1,8

Sors: Eurostat, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Belġju fl-2020 huwa mistenni li jilħaq is-7,5% tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3% tal-PDG.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza tat-Trattat fl-2020 huwa eċċezzjonali, minħabba li jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. B'mod speċifiku, filwaqt li l-miżuri adottati kontra l-pandemija tal-COVID-19 jammontaw għal 1,2 % tal-PDG, huwa ppjanat li l-istabbilizzaturi ekonomiċi jkollhom kontribut ta' 5 punti perċentwali ta' PDG għad-defiċit ippjanat. B'kont meħud tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipproġetta tnaqqis ta' 7,2 %% fil-PDG reali fl-2020.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza tat-Trattat ma jkunx temporanju, fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2020, li tipprojetta li d-defiċit jibqa' 'l fuq mit-3 % tal-PDG fl-2021.

Fil-qosor, id-defiċit ippjanat għall-2020 huwa 'l fuq u mhux qrib il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess ippjanat huwa kkunsidrat bħala eċċezzjonali iżda mhux temporanju kif definit mit-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, l-analiżi tindika li *prima facie* l-kriterju tad-defiċit kif definit mit-Trattat u mir-Regolament (KE) Nru 1467/97 mhux issodisfat.

3. KRITERJU TAD-DEJN

Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG naqas minn 99,8 % fl-2018 għal 98,6 % fl-2019. L-effett ta' żieda fid-dejn ġej minn bilanċ pożittiv żgħir, minn , minn aġġustamenti bejn l-istokk u l-flussi li jnaqqsu d-dejn, minn tkabbir reali fil-PDG u minn żieda fil-prezzijiet (effett ta' inflazzjoni) ittaffa parzjalment min-nefqa fuq l-imgħax, anki jekk qiegħda tonqos.

Id-*data* nnotifikata turi li l-Belġju ma kienx konformi mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019 (ara t-Tabella 1), billi d-distakk mal-parametru referenzjarju huwa ta' 0,7 % tal-PDG.

L-analiżi għalhekk tindika li *prima facie* l-kriterju tad-dejn mhux issodisfat fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu tal-2019.

4. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid "iqis ukoll jekk id-defiċit tal-Gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-Gvern f'investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru".

Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni" jeħtieġ li jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

Għall-ksur apparenti tal-kriterju tad-dejn, hemm raġunijiet validi li minħabba fihom għandha ssir l-analiżi tal-fatturi rilevanti meta jitqies li d-dinamiċi tad-dejn huma influwenzati b'mod aktar qawwi minn fatturi li huma barra mill-kontroll tal-gvern, milli huwa l-każ fejn jidħol id-defiċit. Dan jingħata għarfien fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jipprovdi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi relevanti meta tiġi vvalutata l-konformità fuq il-bażi tal-kriterju tad-dejn, irrispettivament mid-daqs tal-ksur. F'dan ir-rigward, iridu jiġu kkunsidrati mill-anqas it-tliet aspetti li ġejjin meta ssir il-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterju tad-dejn, meta jitqies l-impatt tagħhom fuq id-dinamiċi u s-sostenibbiltà tad-dejn. (i) aderenza mal-objettiv ta' terminu medju (OTM) jew mal-perkors ta' aġġustament lejh, (ii) l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, u (iii) il-kundizzjonijiet ekonomiċi predominanti.

Kif speċifikat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fejn tidħol il-konformità mal-kriterju tad-defiċit fl-2020, billi l-proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG jeċċedi l-valur ta' referenza ta' 60 % u l-kundizzjoni doppja – jiġifieri li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun temporanju – mhix issodisfata, dawn il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit fil-Belġju.

Fis-sitwazzjoni preżenti, fattur addizzjonali ewlieni li għandu jitqies fir-rigward tal-2020 huwa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, li għandha impatt sostanzjali ħafna fuq is-sitwazzjoni baġitarja u tirriżulta fi prospettiva inċerta ħafna. Il-pandemija wasslet ukoll għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

4.1. Il-pandemija tal-COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat xokk ekonomiku kbir li qiegħed ikollu impatt negattiv sinifikanti madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Il-konsegwenzi għat-tkabbir tal-PDG se jiddependu fuq kemm iddum il-pandemija kif ukoll fuq il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali u fuq livell Ewropew u dinji biex titnaqqas il-firxa tagħha, jiġu protetti l-kapaċitajiet ta' produzzjoni u tiġi appoġġata d-domanda aggregata. L-Istati Membri diġà adottaw, jew qegħdin jadottaw, miżuri baġitarji biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u jipprovdu l-għajnuna lil dawk l-individwi u s-setturi partikolarment milquta. Ġew adottati

wkoll miżuri ta' appoġġ ta' likwidità sinifikanti kif ukoll garanziji oħra. Soġġett għal informazzjoni aktar dettaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-istatistika għandhom jeżaminaw jekk dawn il-miżuri jinvolvux impatt immedjat fuq il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika, jew le. Flimkien mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, dawn il-miżuri se jikkontribwixxu sostanzjalment għal pożizzjonijiet ta' defiċit u dejn tal-Gvern sostanzjalment ogħla.

4.2 Il-pożizzjoni ekonomika fi żmien medju inklużi r-riformi strutturali

Sa mill-2016, it-tkabbir reali tal-PDG kien qiegħed jikber b'rata akbar mill-potenzjal tiegħu, imbuttat minn investiment dinamiku u mill-konsum privat, filwaqt li l-kontribut mill-esportazzjonijiet netti jibqa' limitat It-tkabbir nominali qabad ritmu tajjeb fl-2017 u batta ftit fl-2018 u l-2019 minħabba t-tnaqqis fir-rata ta' attività ekonomika u deflatur aktar dgħajjef tal-PDG. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jgħid li l-kundizzjonijiet makroekonomiċi huma xi fattur mitiganti li jispjega l-fatt li l-Belġju ma għamilx progress suffiċjenti lejn li jissodisfa l-parametru referenzjali tad-dejn fl-2019.

L-attività ekonomika mistennija li tiġi affettwata mit-tifqigħa tal-COVID-19 u mill-miżuri ta' konteniment marbuta magħha. It-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG jonqos b'7,2% fl-2020 minħabba tnaqqis fil-konsum privat u fl-investiment, filwaqt li l-kontribut nett tal-kummerċ għat-tkabbir huwa mbassar li jibqa' negattiv fost volum iċken ta' kummerċ. Il-prospettiva makroekonomika hija kkaratterizzata minn livell eċċezzjonali ta' inċertezza relatata mat-tul ta' żmien tal-pandemija u tal-impatt ekonomiku tagħha. Dan huwa fattur mitiganti fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Belġju mal-kriterju tad-defiċit fl-2020.

Fir-Rapport għall-Pajjiż tal-2020[2] il-Kummissjoni qieset li l-Belġju għamel progress limitat biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2019, parzjalment minħabba li ma kienx hemm gvern bil-poteri sħaħ fil-livell federali. Madankollu, il-Belġju għamel xi progress biex jitrawwem l-investiment f'infrastruttura sostenibbli ta' trasport iżda ma sar l-ebda progress għar-rigward tal-koordinazzjoni tal-politiki fiskali tal-livelli kollha tal-Gvern. Fl-2019, il-Gvern temporanju federali kompla bl-implimentazzjoni ta' miżuri li kienu ġew ordnati qabel, b'mod notevoli tar-riforma tagħha tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji, il-"bidla fit-taxxa", ir-riforma tal-pensjonijiet u r-riforma fis-suq tax-xogħol (il-"patt tax-xogħol").

4.3 Il-pożizzjoni baġitarja fi żmien medju inkluż l-investiment tal-Gvern

Id-defiċit nominali żdied minn 0,8% tal-PDG fl-2018 għal 1,9% fl-2019, b'mod notevoli minħabba tnaqqis kbir fit-taxxi kurrenti fuq id-dħul u l-ġid. B'mod partikolari, id-dħul mit-tassazzjoni fuq id-dħul tal-kumpaniji naqas, wara tkabbir temporanju fl-2017 u l-2018, minħabba tibdil fiż-żmien meta jsir il-ġbir tat-taxxa. L-investiment pubbliku baqa' stabbli fil-livell ta' madwar 2,6% tal-PDG fis-sentejn li huma, livell ogħla mid-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika.

Fid-9 ta' Lulju 2019, saret rakkomandazzjoni lill-Belġju biex jara li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja tal-Gvern, mhux magħquda magħha l-miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u miżuri ta' darba, ma tkunx teċċedi 2,8 % fl-2019 ("il-parametru referenzjarju"), li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,1 % tal-PDG, fil-

[2] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2020)500 final, 26.2.2020, "*Country Report Belgium 2020. Including an In-Depth Review on the prevention and correction of macroeconomic imbalances*".

kunsiderazzjoni tal-klawżola tar-riforma strutturali[3]. Fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu u tal-previżjoni tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa qabeż il-parametru referenzjarju, b’devjazzjoni ta’ 0,7 % tal-PDG fl-2019 mill-perkors ta’ aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju ta’ terminu medju, li tindika lejn devjazzjoni sinifikanti. Il-bilanċ strutturali mar lura b’0,6 punti perċentwali tal-PDG fl-2019, biex b’hekk hemm indikazzjoni wkoll ta’ devjazzjoni sinifikanti ta’ 0,7% tal-PDG. Ħarsa lejn l-2018 u l-2019 meħuda flimkien twassal għal evalwazzjoni simili. In-nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva huwa fattur aggravanti fl-evalwazzjoni tan-nuqqas prima facie ta’ konformità tal-Belġju mal-kriterju tad-dejn fl-2019.

Il-Programm ta’ Stabbiltà jipprovdi informazzjoni dwar miżuri sostanzjali biex tiġi kkontrollata l-pandemija u biex tiġi appoġġata l-ekonomija. Huwa jistma l-impatt baġitarju ta’ dawk il-miżuri diretti ta’ appoġġ bħala 2,3% tal-PDG fl-2020. Il-prospettiva fiskali fi żmien medju għadha b'inċertezza kbira.

4.4. Il-pożizzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika fi żmien medju

Id-dejn tal-Gvern naqas b’mod kostanti bejn l-2016 u l-2018, minn 104,9 % sa 99,8 % tal-PDG, minħabba bilanċi pożittivi primarji akbar u pagamenti fuq l-imgħax li qegħdin jonqsu. Fl-2019, il-proporzjon tad-dejn kompla jonqos, għal 98,6 %, riflessjoni tal-effett li jnaqqas id-dejn li ġej minn bilanċ pożittiv primarju żgħir, aġġustamenti ’l isfel bejn l-istokk u l-flussi kif ukoll effett valanga jiċkien ta’ 0,9 % tal-PDG bħala riżultat ta’ tkabbir reali fil-PDG u ż-żieda fil-prezzijiet (l-effett tal-inflazzjoni). Dan huwa parzjalment ibbilanċjat min-nefqa fuq l-interessi, anki jekk qiegħda tonqos.

Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mistenni li jiżdied minn 98,6 % tal-PDG fl-2019 għal 113,8 % sal-2020.

Graff 1: Proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG, il-Belġju, % tal-PDG



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni

[3] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2019 dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Belġju u li jwassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Stabbiltà tal-Belġju, ĠU C 301, 5.9.2019, p. 1.

L-indikaturi tad-dejn ġew aġġornati mat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. Kollox ma' kollox, l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tindika li, minkejja r-riskji, il-pożizzjoni tad-dejn għadha sostenibbli fi żmien medju, anki minħabba fatturi importanti ta' mitigazzjoni (inkluż il-profil tad-dejn u l-livell storikament baxx tar-rati tal-imgħax). B'mod partikolari, filwaqt li l-pożizzjoni iddeterjorat b'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG fil-linja bażi huwa mistenni li jkun fuq trajettorja sostenibbli (li qiegħda tonqos) matul iż-żmien medju[4].

4.5 Fatturi oħrajn ippreżentati mill-Istat Membru

Fil-11 ta' Mejju 2020, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu ittra b'fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet preċedenti diġà tkopri b'mod wiesa' l-fatturi ewlenin ippreżentati mill-awtoritajiet. Fattur addizzjonali li għadu ma ssemmiex hawn fuq huwa l-ispazju ta' manuvra limitat li għandu l-Gvern temporanju biex jieħu miżuri li jnaqqsu d-defiċit fil-livell federali.

5. Konklużjonijiet

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Stabbiltà, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Belġju fl-2020 huwa ppajanat li jilħaq is-7,5 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jitqies li huwa eċċezzjonali iżda mhux temporanju.

Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 98,6 % tal-PDG fi tmiem l-2019, ogħla mis-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat. Il-Belġju ma kienx konformi mal-parametru referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2019.

F'konformmità mat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan ir-rapport eżamina wkoll fatturi rilevanti. Kif speċifikat fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fejn tidħol il-konformita mal-kriterju tad-defiċit fl-2020, billi l-proporzjon tad-dejn tal-Gvern għall-PDG jeċċedi l-valur ta' referenza ta' 60 % u l-kundizzjoni doppja – jiġifieri li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun temporanju – mhix issodisfata, dawn il-fatturi rilevanti ma jistgħux jitqiesu fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit fil-Belġju.

Għar-rigward tal-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2019, il-fatturi relevanti, b'mod partikolari (i) il-kundizzjonijiet makroekonoiċi osservati; (ii) l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jrawmu t-tkabbir fis-snin l-imgħoddija, u (iii) id-devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju, iwasslu għall-konklużjoni li l-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhux issodisfat.

[4] Il-linja bażi hija bbażata fuq it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. Lil hinn mill-2021, qiegħed jiġi preżunt aġġustament gradwali tal-politika fiskali, konsistenti mal-oqfsa ta' koordinazzjoni u ta' sorveljanza ekonomika u fiskali tal-UE. It-tkabbir reali tal-PDG huwa pprojettat skont l-hekk imsejħa metodoloġija EPC/OGWG T+10. B'mod partikolari, it-tkabbir (reali) tal-PDG attwali huwa xprunat mit-tkabbir potenzjali tiegħu u huwa affettwat minn kwalunkwe aġġustament fiskali addizzjonali kkunsidrat (permezz tal-multiplikatur fiskali). L-inflazzjoni mistennija li tersaq ftit ftit għal 2 %. Is-suppożizzjonijiet tar-rati tal-imgħax huma stabbiliti f'konformità mal-aspettattivi tas-suq finanzjarju. Fix-xenarju avvers, huma preżunti rati tal-imgħax ogħla (sa 500 bps) u tkabbir tal-PDG aktar baxx (b'-0.5 pp.), fir-rigward tal-linja bażi (matul l-orizzont ta' projezzjoni).

Kollox ma' kollox, l-analiżi tindika li l-kriterju tad-defiċit u tad-dejn kif definit mit-Trattat u mir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhux issodisfat.